**15 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

**William Rizzo għan-nom u in rappreżentanza ta' Rizzo Mobili Limited**

***versus***

Victor Zammit

**Difetti li ma Jidhrux - *Actio Aestimatoria* - *Actio Redhibitoria* - Oġġetti Mhux tal-Kwalità Pattwita - Artikoli 1390, 1429, 1430 u 1431 tal-Kodiċi Ċivili - Preskrizzjoni - Danni - Tifsir Ċar u Preċiż fil-Premessi u Talbiet taċ-Ċitazzjoni - Artikolu 156 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li l-azzjoni esperita kienet waħda* redhibitoria *u mhux dik għal risarċiment ta' danni minħabba nuqqas ta' konsenja ta' oġġett tal-kwalità pattwita u konsegwentement il-preskrizzjoni applikabbli f'każ ta' ħaġa mobbli hija dika ta' xahar a tenur ta' l-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili u mhux dik ta' sentejn kontemplata fl-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili.*

Il-Qorti:-

Fit-12 ta' Novembru, 1993, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ippronunzjat din is-sentenza:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur *nomine* ppremetta li l-attur xtara mingħand il-konvenut lostru tal-marka "Crodolac" bil-prezz ta' sittin lira (Lm60);

Illi meta dan il-lostru intuża irriżulta li kien ħażin u beda jinqala;

Illi l-attur sofra danni minhabba dan id-difett b'konsegwenza li kellu jerġa' jaqla' l-lostru kollu u jerġa' jixtri u japplika lostru ta' marki oħra;

Talab li l-konvenut:

Jiġi ddikjarat unikament responsabbli tad-difetti li rriżultaw mil-lostru tal-marka "Crodolac" li nxtraw mill-attur mingħand il-konvenut;

Jiġu hekk likwidat d-danni sofferti *mill*-attur;

Jiġi hekk ikkundannat li jħallas id-danni hekk likwidat mill-attur;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali kontra l-konvenut;

Rat *in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha* eċċepixxa:

"Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom *jiġu respinti bl-ispejjeż* kontra tiegħu;

Illi l-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi;

Illi d-danni allegati mill-attur huma ineżistenti;

Salvi eċċezzjonijiet oħra";

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Marzu, 1987 li bih ġie nominat

bħala espert tekniku William Cassar Torregiani bl-inkariku u fakoltajiet lilu mogħtija;

Rat ir-relazzjoni peritali maħlufa fl-udjenza tat-30 ta' Novembru, 1992;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha eċċepixxa:

"Illi l-azzjoni ta' l-attur *nomine* hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi t-talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni hija insostenibbli għaliex ma ġiex ippruvat illi l-eċċipjent kien jaf bid-difett allegat mill-attur;

Salvi eċċezzjonijiet oħra";

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u senjatament il-verbali ta' l-udjenzi tad-19 ta' Mejju u tat-28 ta' Ġunju, 1993 li bihom il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi ma rriżultax li ġew preżentati n-noti ta' osservazzjonijiet imsemmija fil-verbal tat-28 ta' Ġunju, 1993;

Il-konvenut issottometta fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu preżentata fit-18 ta' Marzu, 1993 *inter alia* li l-azzjoni

istitwita mill-attur *nomine* hija *l-actio redhibitoria* b'talba għal-likwidazzjoni ta' danni sofferti u li huwa risaput illi f'każ ta' ħwejjeġ mobbli din l-azzjoni trid tiġi istitwita fi żmien xahar mid-data li fiha x-xerrej *jikxef id-difett. Dwar dan il-punt ma* jista' jkun hemm ebda dubbju billi jirriżulta ampjament mill-provi li l-attur sar jaf bid-difetti immedjatament kif ġie applikat il-lostru mibjugħ;

F'kull każ, kwalunkwe dubbju f'dan ir-rigward huwa eliminat *mir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni ta'* l-attur meħmuża maċ-ċitazzjoni tiegħu li fiha jagħti dettalji ta' l-ittra uffiċjali minnu ppreżentata *fil-31 ta' Lulju, 1985*, filwaqt li ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fit-23 ta' Lulju, 1988 (*recte* 1986);

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma tagħha, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in diżamina, għar-raġunijiet esposti mill-konvenut, hawn fuq ċitati, hija fondata fil-fatt u fid-dritt billi l-azzjoni odjerna hija dik redebitorja ta' bejgħ ta' *ħaġa mobbli li hija preskrivibbli bl*-egħluq ta' xahar minn dakinhar li l-attur *nomine* sar jaf bid-difett u jirriżulta ċar li l-azzjoni odjerna ġiet istitwita ferm wara li *kien* iddekorra x-xahar, *u għalhekk, hija perenta bil*-preskrizzjoni;

Ikk*unsidrat:*

*Illi, fil-waqt li huwa minnu li l-eċċezzjoni tal-preskrizjoni* tista' tingħata f'kull stadju tal-kawża, anke fl-appell, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tieħu in konsiderazzjoni, għall-finijiet tal-kap ta' l-ispejjeż, il-fatt li l-eċċezzjoni ġiet *sollevata* meta l-kawża kienet ġà ġiet differita għas-sentenza. Kieku l-eċċezzjoni ingħatat tempestivament kienu jistgħu jiġu ffrankati l-ispejjeż tar-relazzjoni peritali. Għalhekk, għandu jkun hemm

temperament fil-kap ta' l-ispejjeż billi l-ispejjeż tar-relazzjoni peritali jiġu akkollati lill-konvenut;

Għal dawn il-motivi, tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut fis-sens li l-azzjoni hija perenta bil-preskrizzjoni ta' xahar a tenur ta' l-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentement, tiċħad it-talbiet attriċi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur *nomine* ħlief dawk tar-relazzjoni peritali, li għandu jbatihom il-konvenut";

L-attur talab lil din il-Qorti għar-raġunijiet imfissra minnu fil-petizzjoni ta' l-appell li "tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-appellat u tilqa' t-talbiet attriċi";

L-appellat Victor Zammit, talabha li l-appell jiġi miċħud, għar-raġunijiet miġjuba fir-risposta ta' l-appell;

L-appellant immotiva l-appell tiegħu fuq l-aggravju li l-azzjoni intentata minnu kienet talba għar-riżarċiment tad-danni *minħabba nuqqas ta' kwalità pattwita fl-oġġett mibjugħ (lostru)* u li huwa ma eżerċitax l-azzjoni redebitorja, kif żbaljatament irriteniet l-Ewwel Qorti. L-appellant jispjega l-aggravju tiegħu testwalment hekk:

"Illi l-esponenti umilment jilmenta li kienet għal kollox żbaljata l-Ewwel Qorti meta waslet għall-konklużjoni illi l-azzjoni odjerna hija waħda redebitorja. Mill-premessi u mid-dikjarazzjoni taċ-ċitzzjoni odjerna jidher ċar li l-esponenti qiegħed jibbaża ruħu fuq id-danni u mhuwiex qiegħed jitlob li jiġi maħlul il-kuntratt ta' bejgħ. L-asserzjoni magħmula minn dik il-Qorti li din hija azzjoni redebitorja hija gratuwita u m'hija bbażata fuq ebda premessa jew raġuni li tista' tagħti x'wieħed jifhem illi hija azzjoni redebitorja;

Illi għalhekk l-esponenti jilmenta ukoll li f'ebda mument ma setgħet din il-Qorti tiċħad it-talbiet ta' l-esponent a bażi ta' l-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili meta dan huwa manifestament mhux applikabbli;

Illi jiġi sottomess li l-azzjoni intentata mill-appellant hija dik li tagħti rimedju lil min jixtri xi ħaġa li ma tkunx tal-kwalità pattwita. Kif qalet din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Buttigieg *vs* Hirst** tas-16 ta' Frar, 1945 (XXXII.I.163) "jekk l-oġġett ma jkunx konformi għall-ftehim ma hemmx vizzju redibitorju imma jkun il-każ ta' inadempjenza tal-kuntratt li ma għandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji" illi għalhekk mhix applikabbli l-preskrizzjoni jew dekadenza ta' xahar imma dik il-preskrizzjoni ta' sentejn entro liema perijodu il-kawża kienet istitwita";

Fir-risposta ta' l-appell, l-appellat irribatta s-sottomissjonijiet ta' l-appellant hekk:

"L-aggravju huwa inġustifikat u infondat għaliex jirriżulta ċar minn eżami anke superfiċjali taċ-ċitazzjoni, tad-dikjarazzjoni u tan-natura tal-provi mressqa mill-attur illi l-azzjoni tiegħu hija bbażata fuq "id-difett" minnu allegat fil-lostru mixtri. Jingħad ulterjorment illi anke kieku, għall-grazzja ta' l-argument, l-attur appellant ma kienx, hekk ċar u speċifiku u minflok uża terminoloġija differenti biex istitwixxa l-istess talbiet materjali, mill-assjem tal-provi u n-natura tat-talbiet l-azzjoni kienet xorta tikkwalifika bħala waħda redebitorja u kienet tiġi regolata mill-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Ċivili;

L-appellant jirritjeni illi l-azzjoni tiegħu hija dik li tagħti rimedju lil min jixtri xi ħaġa li ma tkunx tal-kwalità pattwita, li kif tajjeb ritenut fis-sentenza ċitata fil-petizjoni m'għandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redebitorja. Din il-

kontiżjoni però hija eskluża kif ġà ingħad mit-terminoloġija użata mill-attur appellant u kif ukoll min-natura stess ta' l-azzjoni. Inoltre, ma ġiex ippruvat u lanqas sar tentattiv li jiġi ppruvat illi kien hemm xi ftehim dwar il-kwalità *tal-lostru bejn* il-kontendenti. Jiġi enfasizzat ukoll illi anke kieku sar ftehim fis-sens illi l-lostru jkun tajjeb u mingħajr difett, tali ftehim ma kien iżid u jneħħi xejn mal-garanzija dwar difetti latenti ġà kkontemplata mil-liġi;

Illi inoltre, l-limiti ta' l-azzjoni dwar kwalità pattwita huma definiti mil-liġi. L-attur appellant mingħajr ma *talab il-ħall* tal-bejgħ u mingħajr ma rrifjuta l-ħaġa, talab il-ħlas tad-danni. Id-danni, però, jistgħu jintalbu biss wara *illi l-ħaġa* tkun ġiet *rifjutata* mill-venditur b'mod illi d-danni kkontemplati mil-liġi huma dawk derivanti lill-kompratur għaliex ġie priv (ossia kellu jippriva ruħu) mill-oġġett illi xtara. Id-danni ma jistgħux ikunu dawk sofferti mill-kompratur wara illi aċċetta, ikkonsuma u biddel in-natura ta' l-oġġett mixtri u derivanti mill-effett ta' xi kwalità nieqsa. Di più l-intitolament tal-kompratur illi ma jaċċettax il-ħaġa u kwindi jiġi liberat mill-obbligu tiegħu tal-ħlas tal-prezz biss f'każ tal-ħall tal-kuntratt";

Biex wieħed jiddetermina l-indole u n-natura ta' azzjoni li l-attur ikun qiegħed jeżerċita, wieħed irid jeżamina sewwa il-kliem u t-termini użati fiċ-ċitazzjoni - kif *occorrendo* spjegati fid-dikjarazzjoni annessa ma' l-istess ċitazzjoni - billi n-natura ta' l-azzjoni trid tiġi stabbilita mill-ewwel u bi kjarezza u l-attur huwa ineżorabbilment marbut mal-parametri kif espressi fiċ-ċitazzjoni;

Fil-każ odjern, huwa ovvju li fiċ-ċitazzjoni l-attur qiegħed jitlob riżarċiment tad-danni allegatament sofferti minnu wara li xtara, u applika fuq bibien, xi lostru mingħand l-appellat. Il-punt dibattut bejn il-kontendenti huwa jekk *it-termini taċ-*

ċitazzjoni jindikawx li dawn id-danni allegati ġew sofferti mill-attur minħabba li l-lostru ma kienx tal-kwalità pattwita (kif qed jasserixxi l-attur fil-petizzjoni ta' l-appell) jew minħabba difett latenti, kif jasserixxi l-appellat. Eżami tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Ċivili li jirrigwardaw l-komprovendità jindikaw li x-xerrej li jsofri danni jista' jitlob riżarċiment mingħand il-bejjiegħ fiż-żewġ każijiet imsemmija. Ir-rekwiżiti u l-konsegwenzi ta' żewġ azzjonijiet, iżda, huma differenti ħafna;

L-azzjoni għad-danni derivanti min-nuqqas ta' konformità ta' l-oġġett mibjugħ mal-kwlità miftehma terrana ma' l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16):

"Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda jew ma tkunx bħal kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit";

Is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Frar, 1945 **Buttigieg *vs* Hist** (Kollez. Vol. XXXII.I.163) ċitata mill-appellant għamlet dina l-osservazzjoni li tajjeb tiġi riprodotta hawn dwar l-artikolu fuq ċitat (li dak iż-żmien kien l-artikolu 1104 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868):

"Kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti tal-Maestà Tiegħu r-Re in re **Scicluna *vs* Fenech**, l-10 ta' Lulju, 1888 (Kollez. Vol. XII, pag. 1), il-kompratur għandu dejjem azzjoni li toħroġ mill-artikolu 1104 tal-Liġi fuq imsemmija, għalkemm ikun irċieva l-oġġett, sakemm dak id-dritt ma ġiex mitluf minħabba l-fatt stess tal-kompratur, bħal meta l-oġġett ikun biddlu mill-istat li kien, jew ikun bi kwalunkwe mod iddispona minnu, b'mod illi ma jkunx iżjed possibbli li ssir il-valutazzjoni għad-diminizzjoni fil-prezz. Iżda, meta l-oġġett ikun għadu fl-istat li kien *res ad*

*huc integra*, allura din l-azzjoni tkun possibbli u ammissibbli nonostante *li tkun hemm* ir-riċezzjoni (ara sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-31 ta' Marzu, 1908 in re **Laferla *vs* Dr. M.A. Refalo**, *u* ta' din il-Qorti fl-istess kawża tas-26 ta' Ġunju, 1908 u s-sentenza in re **Mizzi *vs* Dr. Refalo**, tas-26 ta' Mejju, 1911)";

L-azzjoni għad-danni derivanti mid-difett moħbi ta' l-oġġett mibjugħ terrana mill-artikolu 1429 tal-Kodiċi Ċivili:

"1429 (1) Jekk *il-bejjiegħ kien jaf bid-difett tal-ħaġa* mibjugħ, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda ukoll li jħallas id-danni lix-xerrej.

(2) Jekk il-bejjiegħ ma kienx jaf bid-difett tal-ħaġa, *hu* obbligat biss irodd il-prezz u jħallas lix-xerrej l-ispejjeż li *jkollhom x'jaqsmu mal-bejjiegħ*";

Huwa risaput illi l-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti *li* jidhru u ċjoè dawk li x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu (artikolu 1424). Ilda, l-bejjiegħ hu obbligat *li* jagħmel tajjeb għad-difetti moħbija tal-ħaġa mibjugħa, ċjoè, vizzju redebitorju. Dan il-vizzju hu dak id-difett li jirrendi l-oġġett mhux tajjeb għall-użu li għaliha ikun maħsub, jew li jnaqqas talment il-valur tiegħu *li* kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx jixtri, jew kien joffri prezz iżgħar (artikolu 1424). Meta l-oġġett mibjugħ ma jkunx konformi *mal-kwalità miftehma bejn ix-xerrej u l-*bejjiegħ, allura f'dan il-każ ma hemmx vizzju redebitorju, iżda *invece* hemm inadempjenza kontrattwali *partikolari li hija* differenti mill-garanzija li l-bejjiegħ jagħti lix-xerrej in forza tal-liġi għall-vizzji redebitorji;

Issa fil-każ odjern, għalkemm l-attur qiegħed *jissottometti* li ċ-ċitazzjoni kienet intiża għar-riżarċiment tad-danni *minħabba nuqqas* ta' *kwalità pattwita fil-lostru mibjugħ mill-*

appellat. Però, imkien fiċ-ċitazzjoni u imkien fi-*dikjarazzjoni* annessa ma' l-istess ċitazzjoni ma tissemma' li l-lostru kien nieqes minn xi kwalità partikolari li ġiet miftehma bejn il-partijiet. Invece, l-attur fl-*imsemmija* atti jallega li l-lostru li xtara "kien ħażin" u "beda jinqala" meta ntuża u li l-attur sofra "dannu minħabba dan id-difett";

Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tiċċensura l-Ewwel Onorabbli Qorti meta dina kkonkludiet li l-*azzjoni esperita* mill-attur kienet dik għar-riżarċiment tad-danni minħabba vizzju redebitorju. Kien dover ta' l-attur jekk ried li jesperixxi l-azzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 1390, li jkun ċar u preċiż fil-premessi u t-talbiet kontenuti fiċ-ċitazzjoni. Dana l-obbligu jitnissel mill-artikolu 156 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jobbliga lill-attur li fiċ-ċitazzjoni jagħti:

"tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba";

Ċertament, it-termini użati fiċ-ċitazzjoni huma ferm *aktar* konsoni ma' l-azzjoni derivanti mill-garanzija legali li bejjiegħ jippresta lill-kompratur bis-saħħa tal-liġi, milli ma' l-azzjoni ta' inadempjenza kontrattwali minħabba *non* konformità ta' l-oġġett mibjugħ ma' xi kwalità pattwita, tant li ebda kwalità partikolari ma tissemma' fir-rigward tal-lostru in kwistjoni. Huwa veru li l-attur ma talabx li l-kuntratt jiġi maħlul biex irodd lura tal-lostru u tal-prezz, iżda fost il-kap tad-danni pretiżi, l-attur jippretenda li l-konvenut jirrifondilu l-prezz tal-materjal li xtara;

S'intendi l-attur ma setax jirritorna l-lostru billi dan intuża fuq il-bibien in kwistjoni. Anke dan il-punt jimmilita kontra t-teżi ta' l-attur appellant. Dana billi l-lostru ma baqax fl-*istat li* kien meta ġie mibjugħ, iżda invece ġie utilizzat u applikat fuq

il-bibien b'mod li skond il-ġurisprudenza ċitata aktar qabel f'ċirkostanza bħal dawn ma setgħetx tiġi esperita l-azzjoni derivanti mill-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, billi anke f'dan il-każ ikun hemm l-obbligu tar-radd lura tal-ħaġa mibjugħa;

U la darba l-azzjoni esperita mill-appellant ġiet fiċ-ċirkostanzi, korrettement identifikata mill-Ewwel Qorti bħala dak konsegwenzjali għall-vizzju redebitorju allura isegwi li l-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni ta' l-attur kienet dik korrettement applikata, mill-Ewwel Qorti, ċjoè fuq il-bażi ta' l-artikolu 1431 u mhux dik tas-sentejn a bażi ta' l-artikolu 1407;

Konsegwentement l-appell mhux legalment fondat;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mentri dawk ta' dina l-istanza jkunu kollha a kariku ta' l-attur appellant.